**TARXIEN**

# KUNSILL LOKALI TARXIEN

## Minuti Laqgħa Nru. 18/06

* **Il- laqgħa Nru 18/06 tas-Sitt Amministrazzjoni saret nhar l-Erbgħa 30 ta' Ġunju 2010 fis-5.50pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'73, Triq Santa Marija, Tarxien.** Data u hin

** **Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| **Kav. P. Farrugia** | **Sindku** |
| **Is-Sur F. Agius** | **Viċi Sindku** |
| **Is-Sur L. Bonavia** | **Kunsillier** |
| **Is-Sinj. D. Vella** | **Kunsilliera** |
| **Is-Sur K. Darmanin** | **Kunsillier** |
| **Is-Sinj. C. Lanzon** | **Kunsilliera** |
| **Is-Sur I. Dalli** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur M. L. Mallia** | **Segr. Eżekuttiv** |

*** **Is-Sur P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 1.0 *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

**1.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Numru 17/06 tal-25/05/10 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kunsill jekk kienux korretti.

**1.2** Il-Kunsill approva l-Minuti nem. con. li ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

## 2.0 *Komunikazzjoni mis-Sindku*

**2.1** Is-Sindku qal li l-kont għax-xahar t'April mill-Ex-Kuntrattur tal-Ġonna ġie ppreżentat. Ġonna

**2.2** Ix-xogħol ta' *major patching* u *traffic calmers* saru u ġew iċċertifikati mill-Perit tal-Kunsill fejn ġew imnaqqsa xi diskrepanzi fil-kejl. Ċertif. Tax-xogħol

**2.3** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li erġajna bgħatna għat-tieni darba "default notice" lill-Kuntrattur taż-Żamma tal-Latrini, minħabba li qed tkun nieqsa mill-attendenza tagħha. Żamma tal-Latrini

2.3.1 Waqt in-nuqqas tagħha ġara każ fejn mara ma setgħetx toħroġ mit-toilet minħabba xi ħsara fis-serratura u kellhom jassistuha ħaddiema tal-Kunsill. Ħsarat

2.3.2 Saret ħsara wkoll fil-panewiet tal-bieb f'każ ieħor separat u kellha ssewwieħ il-kuntrattur responsabbli.

**2.4** Is-Sindku rrimarka li l-kuntratur tal-ġonna mhux qed isaqqi regolari speċjalment is-*soft areas* ta' Triq San Franġisk u l-madwar; il-bins ukoll mhux qed jitbattlu regolari. Ser jiġi mitlub jirregola l-pożizzjoni tiegħu. ELC

**2.5** Dwar ix-xogħol ta' tqegħid ta' pavimentar fi Sqaq Brittaniku Nru 1, is-Sindku qal li nstab li s-sistemi tad-drenaġġ huma kollha mkissra u mhux ikkumnikati mal-'mains'. Pavimentar

2.5.1 Kompla jgħid li ladarba kien qed isir dan il-proġett kellna nirrangawhom bi spiża żejda. Ser tiżdied ukoll il-bankinafi Pjazza Repubblika fejn ser ikun hemm it-tielet entratura għax-xelter.

2.5.2 Is-Sur L. Bonavia staqsa jekk dan ix-xogħol addizzjonali hux fil-parametri legali.

2.5.2.1 Is-Sindku wieġeb li qegħdin skont it-tender.

**2.6** Is-Sindku kompla jgħid li x-xogħol beda bl-iċċangar tal-isqaq u s-sistema tad-drenaġġi. Qal ukoll li l-bokka tax-xelter mhux ser tinfetaħ kollha imma ġew imsaqqfa ħames piedi minnha u tħalla spazzju biżżejjed għall-aċċess tax-xelter biex niffrankaw l-ispejjeż tal-għeluq. Xelter

**2.7** Il-Perit ser jipprepara t-tender dwar is-sistema tal-għeluq bi 'trays' li jinkorporaw ħġieġa infurzata li tiflaħ għal piż fuqha. Tender

**2.8** L-istima totali tal-proġett hi €28,813 skont il-Preliminary Budget tal-Perit u skont ir-rati tat-tenders b'żieda ta' €14,440 xogħol ta' kostruzzjoni. Spiża

**2.9** L-ispiża sabiex tinxtara mill-Ingilterra s-sistema tal-apparat elettroniku ta' deterrent fil-ġonna hi ta' madwar £886 li tinkludi l-VAT u posta għal Malta. Dan wara li ġibna l-informazzjoni diretta mill-Kumpanija Compound Security. Apparat għall-Ġonna

Ser tiġi ordnata waħda bi prova u tiġi nstallata fi Ġnien Ovindoli.

**2.10** Is-Sindku qal li l-ħaddiema tal-ETC flimkien ma' Wiġi Briffa lestew Ġnien Penza minn kollox f'dawn l-aħħar sitt ġimgħat. Irranġaw il-ġiebja u l-pompa tad-Dar tal-Kejka u issa bdew xogħol ta' rranġar u tisbiħ fi Triq Kurunell Mas. Ġnien Penza u Xogħol Ieħor

**2.11** Dwar is-sistema tal-WIFI fil-Playing Field ta' ħdejn il-ground, is-Sindku qal li qed jiġi mwaħħal l-apparat u issa ġiet mgħoddija l-linja tat-telefon (21667528). Jonqos li jitwaħħal il-*modem*. WI-FI

**2.12** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għall-"Ġieh Ħal Tarxien" ma ġie nnominat ħadd u għaldaqstant dan il-Premju għal din is-sena mhux ser jingħata. Ġieħ Ħal Tarxien

**2.13** Is-Sindku qal li ġie ffirmat il-ftehim bejn l-Assoċ. Kunsilli Lokali u l-WSC. B'dan il-ftehim il-WSC ser tibda tibgħat il-ħlasijiet dovuti għas-sena 2007. WSC

**2.14** Il-ftuħ tal-offerti għall-provista ta' skips, fanali ornamentali u bollard imħaddma bil-gas ser isir nhar il-Ġimgħa 16 ta' Lulju 2010 f'nofsinhar. Il-Kumitat ad hoc ser ikun magħmul mis-Sindku, Viċi Sindku u s-Seg. Eżek. Ftuħ tal-Offerti

**2.15** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kotba mingħand il-Merlin Library permezz ta' €230 vouchers ġew miġbura mill-Viċi Sindku u meħuda l-librerija tal-Furjana biex jiġu kategorizzati f'isem il-Kunsill Lokali. Kotba mil-Merlin Library

**2.16** Is-Sindku rrefera għal PQ 17694 dwar skips fil-lokalitajiet li għaliha wieġeb l-Onor. G. Pullicino, skont it-tabella impoġġija fuq il-Mejda tal-Kamra b'dettalji dwar l-iskips provduti mill-Wasteserv. PQ dwar skips

2.16.1 Is-Sindku nnota li Ħal Tarxien mhux fil-lista għalkemm għandna skips provduti mill-GREENPAK, għaliex dawn ma ġewx inklużi fil-lista pprovduta.

**2.17** Il-Kunsill approva nem-con li jendorsja l-assikurazzjoni għal "public liability" għall-ammont ta' €454 b'żieda mal-assikurazzjoni eżistenti, skont l-offerta ta' Alca Properties. Public Liability

**2.18** B'riżultat tar-rapport tal-Awdituri li l-Kunsill jinsab taħt l-10% tal-Allokazzjoni Finanzjarja Annwali skont il-"Financial Indicator", intbgħatet ittra lid-Direttur Ċenerali, DGL, dwar din is-sitwazzjoni. (App. 'A') Financial Indicator

**2.19** Il-Kunsill qabel nem con li ssir rampa tal-konkrit bħala parti mill-bankina quddiem ir-Rainbows. Rampa

**2.20** Il-Kunsill qabel nem-con li jsir konkos fl-art quddiem id-daħla tal-bieb tal-iskola tal-Kulleġġ St Thomas Moore, fuq talba tal-Kunsill tal-Iskola Primarja. Pjattaforma tal-konkos

**2.21** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Ex Prim Imħallef J.J. Cremona għamel pussess minn Sqaq Pubbliku li minn Triq iż-Żejtun jinfed għal Triq il-Knisja billi għalaq l-aċċess tiegħu. Dan l-isqaq jismu Sqaq Barbaro li anke jinsab fuq il-mappa ta' Ħal Tarxien.

2.21.1 Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku li jitlob lill-Onor. J. Azzopardi sabiex dan l-Isqaq jerġa' jgħaddi f'idejn il-pubbliku.

**2.22** Is-Sindku qal li għandu talba mingħand ir-residenti biex Triq Dun Ġwann Mamo ssir *one-way* bi ħruġ fi Triq il-Fieres minħabba li meta jkun hemm ipparkjar fuq iż-żewġ naħiet tat-triq, it-triq tidjieq. Triq Dun Gwann Mamo "One Way"

2.22.1 Kompla jgħid li l-istess residenti kienu talbu lit-Transport Malta li min-naħa tagħha aċċettat it-talba tagħhom imma nfurmathom li l-Kunsill għandu jagħmel l-istess talba uffiċjalment.

2.22.2 Kompliet issir diskussjoni dwar kemm hu vijabbli u kif ser tolqot lill-pubbliku din is-sistema ta' *one-way*.

Is-Sindku ressaq din il-proposta għall-vot.

2.22.3 Saret votazzjoni biex jekk ikun hemm l-approvazzjoni tal-maġġoranza tar-residenti konċernati tiġi applikata din is-sistema.

Voti favur 6 voti kontra 1 (Doris Vella)

**2.23** Il-Kunsill qabel nem con biex Triq Dun M. Vella k/m Triq Xintill issir *one-way* bi ħruġ minn Triq id-Dar tal-Kejka. Triq Dun M.Vella "One Way"

## 3.0 Affarijiet Finanzjarji

**3.1** Meta wasal il-ħin biex tiġi approvata l-iskeda ta' pagamenti, il-Viċi Sindku nnota li l-kont tal-kuntrattur tal-ġonna għax-xahar ta' April 2010 li rrefera għalih is-Sindku fil-bidu tal-laqgħa mhux inkluż fil-lista ta' pagamenti dovuti. Skeda ta' Pagamenti

3.1.1 Is-Seg. Eżek. ġibed l-attenzjoni tal-Viċi Sindku li l-iskeda qed tiġi ppreżentata biex jiġi approvat jew le l-kontenut tagħha u mhux biex jiġu diskussi fatturi li mhux inklużi.

3.1.2 Is-Seg. Eżek. kompla jgħid li xorta waħda ser iwieġeb għar-rimarka tal-Viċi Sindku u qal li dan minħabba li l-każ issa qiegħed għall-investigazzjoni tad-DGL. Filwaqt li fakkar li kull membru hu responsabbli personalment għal kwalunkwe rregolarita' finanzjara, jekk din tirriżulta.

**3.2** Il-Kunsill approva nem. con. l-iskeda ta' pagamenti dovuti għall-servizzi u materjal li tammonta għall-€53,131.75 li ġiet iffirmata mis-Sindku (App. 'B').

**3.3** Il-Kunsill approva nem. con. rifużoni ta' ħlas minħabba l-użu tal-karozza tiegħu fuq xogħol tal-Kunsill lis-Segr. Eżek. l-ammont ta' € 26.80.

## 4.0 Aġġudikar tal-offerti

**a) Ġbir ta' Skart Goff**

Il-Kunsill iddiskuta l-lista ppreżentata dwar l-offerti sottomessi għall-Ġbir ta' Skart Goff (App. 'C').

Il-Kunsill approva unanimament li l-iżjed offerta vantaġġjuża hi dik sottomessa minn Ronald Bezzina għall-valur ta' €3.26 kull ġabra inkluż il-VAT u l-5% CM fees.

**b) Contract Manager u Civil Design Consultants**

Il-Kunsill iddiskuta l-lista ppreżentata dwar l-offerti sottomessi għal servizz ta' Contract Manager u Civil Design Consultants (App. 'D')

Il-Kunsill qabel unanimament li l-iżjed offerta vantaġġjuża hi dik sottomessa minn Building & Design Consultants għall-valur ta' 1% CM Fees u 1 % Civil Design inkluż il-VAT.

Il-Kunsill qabel ukoll li dawk il-proġetti u xogħlijiet mibdija mill-Perit D. Falzon għandu jibqa' responsabbli minnhom l-istess Perit Falzon sakemm jiġu tterminati.

## 5.0 Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri

**5.1.0 <u>Rapport mill-Viċi Sindku Frans Agius</u>**

5.1.1 Il-Viċi Sindku F. Agius qal li sar il-konkors letterarju organizzat għal Jum Ħal Tarxien 2010. Il-Ġurija ad hoc ivvutat unanimament għall-ewwel rebbiegħ bil-psewdonimu "Ġebla fl-Għalqa" bit-titlu "L-Għalqa ta' Karmnu" miktub minn Diane Grima. It-tieni rebbieħ hu Kevin Vella fil-psewdonimu "Insomnia" bit-titlu "Nostalgija". Il-premjijiet ingħataw waqt il-ftuħ tal-wirja fiċ-Ċentru Komunitarju.

5.1.2 Is-Sur Agius qal li għal din il-wirja pparteċipaw 21 konkorrent. Din il-wirja ġibdet numru konsiderevoli ta' persuni interessati.

5.1.3 Il-Viċi Sindku qal li tkellem ma' Heritage Malta wara s-Sindku biex it-Tempji infetħu b'xejn f'Jum Ħal Tarxien.

5.1.4 Il-korsijiet għall-Ingliż u Malti bażiku ser isiru u l-applikazzjonijiet jintlaqgħu sal-aħħar t'Awissu. Il-Viċi Sindku talab biex min ikun jaf b'xi persuni interessati jinfurmah.

5.1.5 Is-Sur Agius qal li flimkien mas-Sindku ltaqa' ma' Uffiċjali tal-ETC li qed joffru korsijiet għal żgħażagħ li qed japplikaw għax-xogħol. Dawn il-korsijiet jistgħu jkunu individwali.

5.1.6 Dwar il-korsijiet ta' artiġġjanar li issa ntemmu, il-Viċi Sindku jiddispjaċih jirrimarka li l-għalliema ma tawx is-servizz mixtieq u kienu inkompetenti f'xogħolhom.

5.1.7 Kompla jgħid li qed jippjana li jinbeda kors dwar il-parċmina matul is-sajf.

5.1.8 Is-Sur Agius temm l-intervent tiegħu billi qal li l-Għaqda Poeti Maltin flimkien mal-Kunsill ser jippreżentaw Lejla ta' Poeżija u Kant tradizzjonali Malti fid-Dar tal-Kejka nhar it-13 t'Awissu.

**5.2 <u>Rapport mill-Kunsilliera Claudienne Falzon</u>**

5.2.1 Is-Sinj. C.Lanzon qalet li ppruvat tikkuntattja Social Worker mas-Sorijiet tal-Klawsura li ma aċċettatx li tagħti għajnuna lill-Kunsill anzi qed tippretendi li l-Kunsill jagħtiha donazzjonijiet.

**5.3 <u>Rapport mill-Kunsillier Lawrence Bonavia</u>**

5.3.1 Is-Sur L. Bonavia qal li qed jiddiskuti ma' tal-Health li qed jaħdmu mal-AKL biex joffrulhom pakkett ta' promozzjonijiet ta' saħħa lill-Kunsilli Lokali. Kompla jgħid li ċertu Manager wiegħdu li l-Kunsill Lokali Ħal Tarxien ser jibbenefika l-aħjar.

**5.4 <u>Rapport mill-Kunsillier K. Darmanin</u>**

5.4.1 Is-Sur K. Darmanin qal li kellu laqgħa mal-Pulizija tal-"Crime" li wiegħduh li ser jibdew jibgħatu CID fi Ġnien Ovindoli.

5.4.2 Qal ukoll li fil-5 u fid-19 ta' Lulju ser isiru laqgħat fid-Dar tal-Kejka dwar in-Neighbour Watch.

***(Is-Sur K. Darmanin irtira mil-laqgħa fit-8.30pm)***

**5.5 <u>Rapport mill-Kunsillier I. Dalli</u>**

5.5.1 Is-Sur I. Dalli qal li qed jagħmel arranġamenti ma' GREENPAK biex jiġbru wkoll skart elettroniku.

**5.6 <u>Rapport mill-Kunsilliera D. Vella</u>**

5.6.1 Is-Sinj. D. Vella tat rendikont tal-ħarġa tal-Baħrija.

5.6.2 Qalet li l-ħarġa tat-tfal kienet waħda tajba u attendew ukoll tfal tas-Sorijiet.

5.6.3 Is-Sinj. D. Vella qalet li ser tagħmel ħarġa għal Għawdex nhar it-8 ta' Lulju.

**5.7 <u>Rapport mis-Sindku Kav. P. Farrugia</u>**

5.7.1 Is-Sindku ta rendikont tal-ħarġa tal-14 ta' Ġunju 2010.

## 6.0 Ħwejjeġ Oħra

**6.1** Il-Kunsill iddeċieda unanimament li minħabba raġunijiet validi l-kunsillieri li kienu skużati milli jattendu għal xi laqgħa tal-Kunsill għaliex jew kienu msiefra, jew kellhom xi ħsara fil-kompjuter tagħhom u allura ma rċevewx l-Agenda għandhom għall-finijiet ta' ħlas għal-laqgħat ikunu kkunsidrati li attendew. Dawk li kienu assenti m'għandhomx jingħataw *allowance*. Allowance lill-Kunsillieri

**6.2** Il-kunsillieri tħallsu l-*allowance* relattiva tagħhom għax-xhur bejn Jannar – Ġunju 2010 pro-rata tal-attendenza tagħhom (App. 'E')

## 7.0 Għeluq tal-Laqgħa

**7.1** Il-Laqgħa ntemmet fit-8.35pm.

**7.2** Laqgħa oħra ser tkun fit-27/07/10.

| | |
|---|---|
| *Maurice. L. Mallia*<br>*Seg. Eżek.* | *Kav. Paul Farrugia*<br>*Sindku* |

mn18-06 (30 Jun 2010)/minuti/ag